MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 35/2011/1

**Carmel Joseph Farrugia**
***v.***
**L-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2012 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħdet talba tal-attur biex tgħid illi fi proċeduri kriminali kontra tiegħu nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"], l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] u

l-art. 4 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni [“is-Seba’ Protokoll”].

2. Il-fatti li wasslu għal dan il-każ seħħew hekk: fit-2 ta’ Frar 2002 l-attur tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mixli b’ħolqien qarrieqi ta’ provi foloz, ħolqien ta’ reat, frodi dwar assikurazzjoni, ġurament falz u li kien reċidiv. B’sentenza mogħtija fit-23 ta’ Jannar 2007 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabet lill-attur mhux ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrieh u għalhekk ħelsitu mill-akkużi.

3. L-Avukat Ġenerali appella minn dik is-sentenza u l-Qorti tal-Appell Kriminali b’sentenza tal-21 ta’ Ġunju 2007 irriformat is-sentenza appellata billi ikkonfermatha fejn sabet lill-attur mhux ħati tal-akkużi taħt l-artt. 110(1) (ħolqien qarrieqi ta’ provi foloz), 295 (frodi dwar sigurtà) u 108 (ġurament falz) tal-Kodiċi Kriminali, u illi ma kienx reċidiv, iżda ħassritha fejn ma sabitux ħati taħt l-art. 110(2) (ħolqien ta’ reat) tal-Kodiċi Kriminali, u, minflok, sabet lill-attur ħati talli “fid-29 ta’ Jannar, 2002, iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq tracci ta’ reat b’mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar”, u ikkundannatu għal sena priġunerija sospiża għal erba’ snin.

4. L-attur igħid illi fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma ngħatax smigħ xieraq, bi ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, u bi ksur ukoll tal-art. 4 tas-Seba’ Protokoll dwar *ne bis in idem*.

5. Ir-raġunijiet imressqa mill-attur għall-ilment tiegħu huma essenzjalment tnejn:

6. L-ewwel argument jolqot l-ilment dwar *ne bis in idem*. L-attur igħid illi fir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali kienu ssemmew biss tnejn mill-erba’ akkużi, u r-reċidiva. L-akkużi li ma tressaqx aggravju dwarhom saru *res iudicata* u għalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ma setgħetx tippermetti “korrezzjoni li kienet ta’ ħsara għall-appellat”. Għalkemm it-talba kienet biex is-sentenza appellata tiġi revokata, ma kienx hemm rabta bejn l-aggravji u dik it-talba, u għalhekk, igħid l-attur, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienx imissha iddikjarat l-appell null.

7. Igħid ukoll l-attur illi l-Avukat Ġenerali kien ressaq aggravju wieħed, li kien illi l-Qorti tal-Maġistrati, li kienet

ġà sabet ħtija f'persuna oħra, ma emmnitx lill-istess persuna biex issib ħtija fl-attur ukoll. Fis-sentenza tagħha mbagħad il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi "… dan l-aggravju ma jreġġix fil-fehma tal-qorti". Għalhekk, ikompli jgħid l-attur, jekk waqa' l-aggravju waħdieni ma setgħetx ġiet revokata jew riformata s-sentenza.

8. It-tieni argument tal-attur huwa msejjes fuq il-fatt illi huwa kien ġie interrogat mill-pulizija bla ma kellu għajnuna ta' avukat, u għalhekk ma setax isir użu mill-istqarrija kif għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali.

9. Għal dawn ir-raġunijiet l-attur għamel dawn it-talbiet fir-rikors kostituzzjonali tiegħu:

i. illi l-qorti tgħid illi kien hemm ksur tal-jeddijiet tiegħu mħarsa taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni, l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni, u l-art. 4 tas-Seba' Protokoll;

ii. tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Ġunju 2007;

iii. tagħtih kumpens għall-ksur tal-jeddijiet tiegħu; u

iv. tgħid ukoll illi kien hemm ksur tal-art. 6(1) tal-Konvenzjoni meta l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet użu minn stqarrija magħmula minnu meta ma kellux għajnuna ta' avukat.

10. L-ewwel qorti ċaħdet dawn it-talbiet tal-attur wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"… ir-rikorrenti qed jallega li fil-proċeduri msemmija ġew miksura d-drittjiet fundamentali tiegħu. Dan għaliex skond ir-rikorrenti, wara li huwa ġie liberat mill-Qorti tal-Maġistrati, il-Qorti tal-Appell ħadet numru ta' deċiżjonijiet, kompriża s-sentenza finali, li kienu lesivi tad-drittijiet tiegħu: l-ewwel meta ma ddikjaratx l-appell null u allura skond hu aċċettat żjieda fir-rikors tal-appell; qed jillamenta wkoll mill-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali interpretat *statement* tiegħu u tal-ko-akkużat tiegħu u finalment li ma kellux assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu. Huwa qed jibbaża t-talbiet tiegħu fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 6(1) u 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

"… … …

"Il-qorti qabel xejn tagħmilha ċara li taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimat illi ħafna mill-lanjanzi tar-rikorrenti jirreferu għall-interpretazzjonijiet li tat il-Qorti tal-Appell li, jekk ma humiex favorevoli għalih, b'daqshekk ma jfissirx li kisru xi drittijiet fundamentali tiegħu. "Il-funzjoni tal-qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha mhijiex li tirrevedi s-sentenzi ta' qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostitizzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea." (*JEM Investments Limited vs* Avukat Generali *et* – Qorti Kostituzzjonali, tad-9 ta' Novembru 2010).

"Illi dan japplika wkoll għar-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li meta l-Qorti tal-Appell Kriminali, purkè kkundannat il-mod skeletriku li bih ġie abbozzat ir-rikors tal-Appell, ma ddikjaratux null u għamel [*sic*] dan għaliex, fil-fehma tagħha, ir-rikors kellu biżżejjed rekwiżiti biex ma jiġix dikjarat null.

"Illi l-qorti filwaqt li taqbel mar-rikorrenti li l-fatt li kawża għaddiet in ġudikat ma jfissirx li ma tistax tiġi eżaminata fir-rigward ta' kawżi simili, ġà għamlitha ċara f'kawżi oħra illi ma hux il-kompitu tagħha. … … …

"… … … [I]l-kunċett ta' *res judicata* japplika wkoll għall-kawża kriminali u dan mhux għal benefiċċju tal-akkużat biss. Il-qorti eżaminat il-lanjanzi tar-rikorrenti u waslet għall-konklużjoni li l-Avukat Ġenerali għandu raġun jilmenta li dawn il-lanjanzi kollha – *eccetto* dik li ma kellux assistenza legali waqt li kien qed jigi interrogat – jirrigwardjaw interpretazzjonijiet tal-Qorti tal-Appelli Kriminali li bl-ebda mod ma jfissru li nkiser xi dritt fundamentali tar-rikorrent. L-allegazzjoni tiegħu li l-imħallef sedenti ma setax sema' t-*tape* ma jfissirx li l-istess ġudikant ma eżaminax it-traskrizzjoni tal-istess *tape* li wasslitu għall-konklużjonjiet tiegħu.

"Illi kwantu għal fatt, mhux kontestat, li r-rikorrenti ma ġiex assistit minn avukat waqt li kien qed jiġi interrogat, din il-qorti diversament preseduta kellha okkażjoni tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Mark Lombardi (deċiża fid-9 ta' Ottubru 2009). Għalhekk il-qorti se tagħmel riferenza estensiva għal din is-sentenza u wara tapplika l-insenjament tagħha għall-każ odjern.

"Illi dakinhar, bħalma għamel fil-każ odjern iżda fi kliem mhux eżattament l-istess, l-intimat fost affarijiet oħra għamel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża Imbrioscia *vs* Svizzera fejn intqal illi:
""*The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special feature of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case*."
"Illi l-każ l-aktar ċelebri fir-rigward – dak ta' Salduz *vs* Turkija – ġie msemmi fl-istess risposta ta' Lombardi b'dan il-mod:
""Fil-każ Salduz *vs* Turkey, il-fatti kienu differenti mill-każ odjern. L-ewwelnett it-Turkija kellha liġi li tirregola l-materja. Jingħad ukoll illi Salduz kien minorenni fiż-żmien tal-każ u kien hemm ukoll allegazzjoni ta' trattament ħażin tiegħu waqt l-interrogazzjoni u li ta l-istqarrija tiegħu meta mġiegħel."
"Illi din il-qorti allura ċċitat kemm is-sentenza ta' Salduz – "*Although article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of the police interrogation, this right, which is not explicitly set out in the Convention, may be subject to restriction for good cause. The question in each case is whether the restriction, in the light of the entirety of the proceedings, has deprived the accused of a fair hearing …*" u kemm is-sentenza Płonka *vs* Polonja (deċiża fil-31 ta' Marzu 2009) fejn ingħad hekk: "*The Court reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer ... is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless article 6 (3) does not specify the manner of exercising this right. It leaves to the contracting states the choice of the means of ensuring that is secured in their judicial system, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial, In this respect, it must be remembered that the convention is designed to guarantee not rights that are theoretical or*

*illusory, but rights that are practical and effective and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused*."

"Illi l-qorti allura kkonkludiet illi l-fatt waħdu li persuna ma tkunx assistita minn avukat ma jwassalx għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u biex ikun hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jrid jiġi kunsidrat il-proċess ġudizzjarju kollu u mhux jiġu kkunsidrati l-istqarrijiet *in isolation*. Jekk fi tmiem il-ġbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkużat tkun l-istqarrija tiegħu allura l-qorti li trid tiddeċiedi l-każ trid toqgħod attenta għax sejba ta' ħtija jistgħu jwasslu [*sic*] lill-Qorti tal-Appell biex tqis dik is-sentenza bħala *unsafe*.

"Illi ta' min iżid però illi din is-sentenza ġiet appellata u l-Qorti Kostituzzjonali rrevokatha u finalment iddeċidiet li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-akkużat (12 ta' April 2011).

"Illi din il-qorti ukoll fil-proċeduri <u>Pulizija *vs* Pullicino</u> ppronunzjat sentenza fl-24 ta' Frar 2012 fejn laqgħet il-lanjanza tal-akkużat u qalet illi:

""Il-qorti fil-każ in eżami tħoss li kuntrarjament għall-każ ta' <u>Lombardi</u>, f'dan il-każ hemm żewġ fatturi fil-każ tar-rikorrenti li kienu mankanti f'dak il-każ. L-ewwelnett ir-rikorrenti kien minorenni meta ġie interrogat; u it-tieni, il-prosekuzzjoni ġà ddikjarat illi ma għandhiex aktar provi u allura l-unika prova fil-konfront tar-rikorrent hija appuntu l-istqarrija tiegħu. Kif jidher mis-sentenzi ċitati, wieħed irid jara l-proċess kollu u l-proċess kollu jikkonsisti biss fil-fatt li l-prosekuzzjoni pproduċiet stqarrija magħmula mill-akkużat li kien minuri meta ġie interrogat. Huwa veru li huwa ma allegax li ġie maltrattat waqt l-interrogazzjoni iżda fil-każ in eżami wieħed mhux qed jitkellem dwar xi persuna mdorrija tkun miġbura mill-Pulizija iżda tifel ta' sbatax-il sena b'fedina penali altrimenti netta u allura jidher li din kienet l-ewwel darba għalih li kien arrestat. Minorenni f'din is-sitwazzjoni aktar iva milli le jkun intimidat mill-istess preżenza ta' numru ta' uffiċjali tal-pulizija f'ambjent minnu innifsu stramb għalih, jekk ma jkollu lil ħadd min jgħinu u li fih jista' jafda. Mhux ġust li jiġi interrogat, anke jekk dan isir bl-aktar mod delikat, mingħajr ma jkollu assistenza. F'ċertu pajjiżi mhux leċitu li

wieħed jinterroga minorenni mingħajr il-preżenza tal-persuna li jkollha l-kustodja tiegħu jew tagħha. Għalhekk tenut kont ta' kollox, il-qorti taqbel li r-rikorrent kellu d-drittijiet fundamentali tiegħu sanċit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea miksur."

"Illi jidher ċar però mis-sentenza finali tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ta' Lombardi li fil-fehma tal-istess qorti n-nuqqas ta' assistenza legali oġġettivament tippriva lill-akkużat minn smigħ xieraq u għalhekk wieħed jista' jgħid illi minn dakinhar il-pożizzjoni tal-ġurisprudenza tagħna kellha tieħu dik il-linja. Madankollu l-istess qorti għamlitha wkoll ċara illi "Din il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea però ma għandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-deċiżjonijiet li huma *res judicata* bħalma huwa l-każ odjern. Għalhekk il-qorti se timxi fuq din il-linja wkoll u kwindi ma tkomplix tiddelibera aktar."

11. L-attur appella b'rikors tas-16 ta' Novembru 2012. L-aggravji tiegħu huma illi l-ewwel qorti qalet ħażin meta qalet illi (a) qrati ta' kompetenza kostituzzjonali ma għandhomx funzjoni li jissindikaw dak li ġara fi proċess kriminali li jkun ingħalaq, u (b) l-istqarrija li kien għamel l-attur mingħajr għajnuna ta' avukat kienet ammissibbli bħala prova għax il-każ kien *res iudicata*.

12. L-Avukat Ġenerali wieġeb fit-28 ta' Novembru 2012 u fisser għala l-appell għandu jiġi miċħud.

13. L-ilmenti tar-rikorrent kienu essenzjalment tnejn: (i) illi nqalbet fl-appell sentenza li, fil-parti revokata, kienet saret finali u għalhekk l-attur ġie proċessat għal darba oħra – *bis in idem* – wara li kien liberat b'sentenza finali; u (ii) illi sar użu minn stqarrija li, fil-fehma tal-attur, ittieħdet bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, u ma ngħatax rimedju għal dan għar-raġuni illi s-sentenza li fiha sar użu minn dik l-istqarrija saret *res iudicata*.

14. Ngħaddu biex inqisu l-aggravju dwar l-ewwel ilment. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

15. L-attur, kif rajna, kien mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati taħt l-artt. 108, 110(1) u (2), u 295 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll, taħt l-artt. 49 u 50, li kien reċidiv. B'sentenza tat-23 ta' Jannar 2007 il-Qorti tal-Maġistrati sabitu mhux ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrieh u għalhekk illiberatu minnhom kollha.

16. L-Avukat Ġenerali appella minn dik is-sentenza b'rikors tas-6 ta' Frar 2007. Fir-rikors tal-appell issemmiet biss l-akkuża ta' ġurament falz (art. 108) u ta' reċidiva (artt. 49 u 50) iżda l-akkużi l-oħra ma ssemmewx. L-aggravju tal-appell ġie mfisser hekk:

"… l-ewwel qorti għamlet apprezzament tal-provi żbaljat, *stante* li l-provi kienu juru biċ-ċar il-ftehim li kien hemm bejn Anthony u Carmel Farrugia. Illi l-fatt li Carmel Farrugia, fl-isfond tal-provi, innega, kien kompletament mhux kredibbli. Illi jiġi rilevat li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-30 ta' Ġunju 2003 Anthony Farrugia kien instab ħati dwar dan il-każ u l-qorti emmnet il-verżjoni tiegħu. Illi issa ma emmnithiex. Illi bir-rispett dan mhux konsistenti."

17. L-Avukat Ġenerali mbagħad talab illi l-Qorti tal-Appell Kriminali "tirrevoka [s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati], issib ħtija u tinfliġġi l-piena skond il-liġi".

18. Waqt is-smigħ tal-appell, fit-8 ta' Marzu 2007, l-attur ressaq eċċezzjoni ta' nullità tal-appell "għaliex … l-appell kien limitat għall-imputazzjonijiet li jidhru fir-rikors, u *cioè* tnejn mill-ħames akkużi" u "għaliex l-aggravji ma jwasslux biex jiġu revokati d-deċiżjonijiet ta' ħtija [*recte*, ta' nuqqas ta' ħtija] tal-akkużi kollha".

19. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' April 2007 il-Qorti tal-Appell Kriminali, għalkemm ikkritikat il-mod kif inkiteb ir-rikors tal-appell u "l-istil monk fl-abbozzar", ċaħdet l-eċċezzjonijiet għax kienet tal-fehma illi r-rikors tal-appell kellu l-elementi kollha li jrid *ad validitatem* l-art. 419 tal-Kodiċi Kriminali, *viz.* il-fatti fil-qosor, ir-raġunijiet tal-appell u t-talba għat-tħassir jew għat-tibdil tas-sentenza. Osservat ukoll illi, għalkemm fir-rikors issemmew tnejn biss mill-ħames akkużi, it-talba kienet għar-"revoka tas-sentenza intiera fejn illiberat lill-imputat" u mhux biss ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza li sabet lill-attur mhux ħati taż-żewġ akkużi msemmija fir-rikors tal-appell. Għamlet ukoll dawn l-osservazzjonijiet:

"Fit-talba tiegħu fl-aħħar paragrafu tar-rikors tal-appell imbagħad l-Avukat Ġenerali qed jitlob ir-revoka tas-sentenza intiera fejn illiberat lill-appellat u mhux qed jillimita t-talba tiegħu għar-revoka tas-sentenza għal dak li

jirrigwarda biss ir-raba' akkuża u l-addebitu tar-reċidiva, f'liema każ kien messu jitlob ir-riforma u mhux ir-revoka tas-sentenza appellata u allura f'dak il-każ l-appell kien ikun null għax dejjem ġie ritenut li, meta talba kellha tkun dik ta' riforma jew varjazzjoni tas-sentenza iżda, minflok, tintalab ir-revoka tagħha, dan iġib bħala konsegwenza li ma jkunx ġie osservat il-paragrafu (*ċ*) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali, b'mod għalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null. … … …
"Jekk imbagħad ir-raġunijiet tal-appell esposti fir-rikors iwasslux lil din il-qorti biex tilqa' l-appell jew jekk hemmx in-ness bejn l-aggravji u t-talba għar-revoka tas-sentenza intiera, hija ħaġa oħra."

20. Imbagħad b'sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007 il-Qorti tal-Appell Kriminali iddisponiet hekk mill-appell:

"Għal dawn il-motivi din il-qorti qed tilqa' limitatament l-appell tal-Avukat Ġenerali billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet li jaqgħu taht l-artt. 110(1), 295, u 108 tal-Kodiċi Kriminali u tal-addebitu tar-reċidiva u illiberatu minnhom u tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-appellat ħati tat-tieni imputazzjoni li taqa' taħt l-art. 110(2) u minflok tiddikjara li qed issib lill-appellat ħati tal-imputazzjoni li fid-29 ta' Jannar, 2002, iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, u wara li qieset il-kondotta preċedenti tal-appellat, u rat l-artikoli 110(2) u 28A tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellat għal sena priġunerija, b'dana però li din is-sentenza ma għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' erba' snin mil-lum, l-appellat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija."

21. L-aggravju tal-attur jolqot il-konklużjoni tal-ewwel qorti illi l-ilmenti tiegħu "jirrigwardaw interpretazzjonijiet tal-Qorti tal-Appelli Kriminali" u illi "l-funzjoni tal-qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha mhijiex li tirrevedi s-sentenzi ta' qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostitizzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea". Huwa jistrieħ fuq is-sentenza tal-Qorti

Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Berhani *v.* l-Albanija[1] fejn il-qorti qalet hekk:

*"50. The Court reiterates at the outset that the admissibility of evidence is primarily governed by the rules of domestic law and that, as a rule, it is for the national courts to assess the evidence before them, establish facts and interpret domestic law. The Court will not in principle intervene, unless the decisions reached by the domestic courts appear arbitrary or manifestly unreasonable and provided that the proceedings as a whole were fair as required by Article 6 § 1 …*

*"11. The Court further reiterates that under certain circumstances it may be necessary for the courts to have recourse to statements made during the criminal investigation stage. If the accused had sufficient and adequate opportunity to challenge such statements, at the time they were taken or at a later stage of the proceedings, their use does not run counter to the guarantees of Article 6 §§ 1 and 3 (d). The rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the requirements of Article 6 if the conviction is based solely, or in a decisive manner, on the depositions of a witness whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined either during the investigation or at trial … … …*

*"52. In the present case, the applicant's conviction was based, inter alia, on the statements of witnesses J., K. and L. made during the criminal investigation. The Court notes that none of those witnesses appeared before the District Court or the Court of Appeal or had been questioned by the applicant or his representative during the criminal investigation. Whilst the Court cannot speculate on the content of those statements, as they were not submitted by the parties, they were clearly of relevance to the case and appear to have been of decisive importance in the conviction of the applicant. The applicant's argument that they should be disregarded, on the ground that his right to examine witnesses had not*

[1] Rik. 847/2005, 27 ta' Mejju 2010.

*been respected, was insufficiently addressed on appeal … … …*
*"53. Moreover, the Court finds no other convincing evidence in the domestic courts' judgments that could justify the applicant's conviction*.
"… … …
*"56. Having regard to the above considerations, the Court considers that the domestic courts' proceedings did not satisfy the requirements of fairness as required by Article 6 § 1 of the Convention, and that therefore there has been a violation of that provision in this connection*."

22. L-argument tal-attur huwa illi fil-każ ta' Berhani l-qorti daħlet fil-meritu u eżaminat mill-ġdid ix-xiehda li fuqha l-qorti domestika sejset is-sejbien ta' ħtija.

23. Huwa minnu illi qorti ta' kompetenza kostituzzjonali għandu mnejn illi jkollha tqis ix-xiehda u l-meritu deċiż minn qorti ordinarja jekk isir ilment illi l-konklużjonijiet ta' dik il-qorti kienu "*arbitrary or manifestly unreasonable*" b'tali mod li jimpinġu fuq xi dritt fundamentali tal-individwu. L-argumenti tal-attur iżda juru biss illi hu ma qabilx mad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali, u mhux illi dawk id-deċiżjonijiet kienu b'xi mod "*arbitrary or manifestly unreasonable*".

24. Fl-ewwel argument tiegħu dwar dan l-aggravju l-attur jgħid illi:

"… r-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali tant ma kienx ċar li l-Qorti tal-Appell Kriminali inkorrettement semgħet il-kjarifika tal-avukat prosekutur … fejn iddikjara li għalkemm fir-rikors tal-appell issemmew biss tnejn mill-erba' akkużi u l-addebitu tar-reċidiva, dawn kienu kollha koperti bin-nota ta-Avukat Ġenerali. Illi din id-dikjarazzjoni tal-avukat prosekutur … hija skorretta għaliex l-Avukat Ġenerali ma ppreżenta l-ebda nota fil-Qorti tal-Appell Kriminali biex ikopri l-akkużi li ma kinux inklużi fir-rikors tal-appell. Illi għalhekk l-esponent ġie inkorrettement u inġustament misjub ħati fil-Qorti tal-Appell Kriminali meta fir-rikors tal-Appell tal-Avukat Ġenerali ma rreferiex għall-artikolu 110(2) tal-Kodiċi Kriminali bħala artikolu li tiegħu seta' jinstab ħati, meta fir-rikors tal-appell tiegħu l-Avukat Ġenerali ppremetta li l-akkuzi kontra l-esponent kienu biss l-aħħar tnejn *cioè* r-raba' akkuża li ħalef il-falz quddiem

maġistrat u l-addebitu tar-reċidiva, meta l-esponent ġie misjub ħati, liema akkużi ma jirreferux ghall-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali. Illi fl-appell kienet qed tiġi mitluba r-revoka tas-sentenza intiera fejn illiberat lill-esponent mill-erba' akkużi u l-addebitu tar-reċidiva. Għalhekk it-talba saret inkorrettement għar-revoka u ma ġiex osservat il-vot tat-art. 419(1)(*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali. Il-fatt li fir-rikors tal-appell mill-Avukat Ġenerali ma ssemmewx l-akkużi kollha u l-addebitu msemmi u l-esponent ġie misjub ħati fuq artikolu li ma kienx referut fir-rikors tal-appell, dan jimporta n-nullità tar-rikors tal-appell."

25. Dan ma jurix illi l-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienet "*arbitrary or manifestly unreasonable*"; juri biss illi l-attur ma fehemx l-argument ta' dik il-qorti.

26. Qabel xejn, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma ħassritx ir-rikors tal-appell mhux għax qagħdet fuq xi "kjarifika" jew fuq xi nota tal-Avukat Ġenerali, jew għax ippermettiet li ssir xi "korrezzjoni" fir-rikors, iżda għax qagħdet fuq l-art. 419(1) tal-Kodiċi Kriminali li ma jeħtieġx *ad validitatem* illi jissemmew l-akkużi iżda biss il-fatti fil-qosor, ir-raġunijiet tal-appell u t-talba għat-tħassir jew għat-tibdil tas-sentenza, u sabet illi r-rikors tal-appell fih dawk l-elementi kollha.

27. Imbagħad il-Qorti tal-Appell Kriminali irraġunat illi, ladarba ntalab it-tħassir u mhux it-tibdil tas-sentenza, mela kien qiegħed isir appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ta' ħelsien mill-akkużi kollha. Dan ir-raġunament mhux biss ma huwiex arbitrarju jew manifestament mhux raġonevoli iżda huwa dak li trid il-massima *ut magis res valeat quam pereat*. Inqas ġuridiku huwa r-raġunament tal-attur: fil-waqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali qagħdet fuq interpretazzjoni ta' element li trid il-liġi – it-talba għat-tħassir jew għat-tibdil tas-sentenza – biex tara jekk l-appell sarx mis-sentenza kollha jew minn parti minnha, l-attur irid li toqgħod fuq element mhux meħtieġ – it-tismija tal-akkużi – biex tasal għal interpretazzjoni tat-talba li ġġib magħha n-nullità tar-rikors.

28. Biżżejjed li din il-qorti tgħid illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma kinitx arbitrarja jew manifestament mhux raġonevoli; qiegħda tgħid ukoll, iżda, illi dik id-deċiżjoni kienet waħda tajba.

29. L-argumenti kollha tal-attur imsejsa fuq il-premessa illi l-appell sar biss mill-akkużi msemmija fir-rikors tal-appell, u li għalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet finali dwar l-akkużi l-oħra u li, dwar dawk l-akkużi, hu ġie proċessat *bis in idem*, huma għalhekk imsejsa fuq premessa falza u huma ħżiena.

30. Argument ieħor tal-attur huwa illi "ma kienx hemm in-ness meħtieġ bejn l-aggravji u t-talba għar-revoka tad-dikjarazzjoni ta' liberazzjoni fuq l-akkużi kollha" u li għalhekk "l-aggravji ma jwasslux biex jiġu revokati d-deċiżjonijiet ta' liberazzjoni tal-akkużi kollha".

31. Din il-qorti qabel xejn ittenni illi l-kompitu tagħha ma huwiex illi tara jekk taqbilx mal-apprezzament li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali tax-xiehda u tal-fatti; il-kompitu tagħha huwa, fejn in-natura tal-każ hekk tirrikjedi, li tara jekk id-deċiżjoni kinitx "*arbitrary or manifestly unreasonable*".

32. L-aggravju tal-appell tal-Avukat Ġenerali, kif rajna, kien illi "l-ewwel qorti għamlet apprezzament tal-provi żbaljat", għax kien hemm inkonsitenza fl-apprezzament tal-kredibilità ta' xhud partikolari. Dwar l-apprezzament tax-xiehda ta' dan ix-xhud, li kien impjegat mal-attur, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"L-impjegat [tal-attur] kien xehed darbtejn iżda fil-proċess kien hemm l-aħħar depożizzjoni tiegħu biss. … … … Illi jekk kellha titwemmen it-tieni versjoni ta' Anthony Farrugia, hu jiġi *ex admissis* kompliċi fir-reati li ġew addebitati lill-appellat odjern, u partikolarment fir-reat kontemplat fit-tieni akkuża ta' ħolqien b'qerq ta' traċċi ta' reat. Illi però bit-tibdil li sar fl-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali d-depożizzjoni tiegħu m'għandhiex bżonn aktar ta' korroborazzjoni. … … … F'kull każ però fil-fehma ta' din il-qorti tali korroborazzjoni minn ċirkostanzi oħra li jiswew kien hemm, bħal, per eżempju, is-sejba ta' diversi oġġetti fejn indika x-xhud Anthony Farrugia li kien jew ħbiehom l-appellat stess jew fejn l-appellat kien qal lix-xhud biex ipoġġihom, jew jaqlibhom mal-art.

"Għalhekk l-ewwel qorti ma kinetx prekluża legalment milli tqis il-prova li kienet ġejja mix-xiehda ta' Anthony Farrugia bħala waħda ammissibbli u biżżejjed biex twassal għall-ħtija tal-appellat.

"Illi huwa minnu li kontra din il-prova hemm iċ-ċaħda kategorika u ripetuta tal-appellat, però jekk wieħed iqis kif beda jirrispondi b'mod evażiv u titubanti l-appellat fil-kors tal-interrogatorji li sarulu – u dan anki fuq punti li kienu jirrigwardaw in-negozji tiegħu, bħal *profitability*, kirjiet li kien iħallas, jekk is-sena ta' qabel għamilx qligħ – wieħed jara li l-appellat ftit hu attendibbli.
"Hemm ukoll ċirkostanzi oħra bħall-fatt li s-*CCTV* ma kienx irrekordja dak li ġara dak in-nhar tal-allegat *hold up* u ċerti dettalji oħra li jistunaw u li ġustament għorku ghajnejn l-investigaturi, li meqjusin flimkien itendu biex jagħmlu l-versjoni tal-appellat ftit li xejn plawsibbli u aċċettabbli, lanqas sal-grad tal-probabbli.
"Għalhekk mill-assjem tal-provi din il-qorti tara li l-ewwel qorti kellha legalment u raġjonevolment issib ħtija fl-appellat għar-rigward tat-tieni imputazzjoni taħt l-artikolu 110(2). Konsegwentement din il-qorti tħoss li għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti fir-rigward ta' din l-imputazzjoni biss u tikkonkludi li l-appellat hu ħati ta' din l-imputazzjoni."
33. Fil-fehma ta' din il-qorti dan ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali huwa perfettament kompatibbli ma' konsiderazzjoni ta' aggravju fuq l-apprezzament tal-provi, b'mod li hemm rabta bejn l-aggravju u d-deċiżjoni tal-qorti. Ma hemm xejn arbitrarju jew mhux raġonevoli f'dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali; anzi, hemm rabta loġika, imfissra fis-silta miġjuba hawn fuq, bejn l-aggravju ta' apprezzament ħażin tal-provi u s-sejbien finali ta' ħtija.
34. L-attur igħid ukoll illi l-Qorti tal-Appell Kriminali qieset xiehda li ma kinitx fl-atti, bi ksur tal-prinċipju illi *quod non est in actis non est in mundo*, meta qalet illi x-xhud "kien xehed darbtejn iżda fil-proċess kien hemm l-aħħar depożizzjoni tiegħu biss". Dan iżda ma hu minnu xejn għax, kif jidher mis-silta mijuba hawn fuq, il-qorti qieset biss it-tieni depożizzjoni, dik li kellha quddiemha. L-attur igħid illi l-qorti kien imissha ordnat illi tinġieb ukoll l-ewwel depożizzjoni, iżda fis-sistema akkużatorjali l-provi jġibuhom il-partijiet, mhux il-qorti, li l-kompitu tagħha hu li tiddeċiedi *iuxta allegata et probata*.
35. L-istess jingħad dwar is-sentenza li kienet sabet lill-istess xhud ħati tas-sehem tiegħu fir-reat. Din ma kinitx quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li għalhekk ma straħitx

fuqha u ma ġibdet ebda konklużjoni minnha. Ma huwiex minnu dak li jgħid l-attur li l-qorti "ħadet konjizzjoni" ta' sentenza li ma kinitx *in actis*.

36. F'kull każ, ċertament ma jistax jinħgad illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kiminali kienet arbitrarja jew mhux raġonevoli, u għalhekk ma huwiex kompitu ta' din il-qorti li tqis mill-ġdid il-meritu tal-proċess kriminali kontra l-attur bħallikieku kienet qorti tat-tielet istanza wara l-Qorti tal-Appell Kriminali.

37. L-ewwel aggravju tal-attur huwa għalhekk miċħud.

38. It-tieni aggravju tal-attur jolqot l-użu li sar mill-istqarrija tiegħu mogħtija meta ma kellux għajnuna ta' avukat. L-ewwel qorti ċaħdet it-talba tiegħu għax, għalkemm qalet illi l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali hija fis-sens illi "n-nuqqas ta' assistenza legali oġġettivament tippriva lill-akkużat minn smigħ xieraq", madankollu ikkonkludiet illi din il-ġurisprudenza "ma għandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-deċiżjonijiet li huma *res judicata* bħalma huwa l-każ odjern".

39. L-attur fisser l-aggravju tiegħu hekk:

"Imma din l-interpretazzjoni ma taqbilx mal-interpretazzjoni ta' Strasbourg. Qed terġa' ssir referenza għal dak li ntqal … fil-każ Berhani. Il-każ ta' Berhani kien *res juudicata* fl-Albanija, imma l-Qorti Ewropeja xorta sabet vjolazzjoni. Anke l-każ Salduz *v.* Turkey, iż-żagħżugħ kien kundannat, u l-Qorti Ewropeja ordnat li jsir il-proċess mill-ġdid, u jitneħħa l-i*statement* li kien għamel."

40. Igħid ukoll illi l-fatt illi Salduz kien minorenni meta kien interrogat mill-pulizija ma għandux relevanza għax, għalkemm l-attur ma kienx minorenni, la l-Konvenzjoni u lanqas il-Qorti Ewropeja ma jiddistingwu bejn maġġorenni u minorenni.

41. Din il-qorti tibda biex tgħid illi ma huwiex minnu illi l-ġurisprudenza tagħha hija illi "n-nuqqas ta' assistenza legali oġġettivament tippriva lill-akkużat minn smigħ xieraq". Tagħmel referenza għal dak li qalet fis-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2012 fil-kawża fl-ismijiet Charles Stephen Muscat *v.* l-Avukat Ġenerali:

"… li trid tagħmel din il-qorti ma huw[iex] … li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur."[2]

42. L-istess ingħad fis-sentenza mogħtia fit-22 ta' Frar 2013 fil-kawża fl-ismijiet Repubblika ta' Malta *v.* Carmel Camilleri:

"Il-qorti tibda biex tgħid illi l-jedd ta' għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalità li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta' difiża lill-akkużat, iżda jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogata tkun ingħatat b'għażla ħielsa, b'għarfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla tehdid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat."[3]

43. Għalkemm huwa minnu illi l-attur qiegħed igħid sewwa illi jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn din il-qorti tista' tagħti rimedju jekk jinstab illi stqarrija tkun tassew ittieħdet abużivament għalkemm il-proċess penali ikun magħluq u s-sentenza tkun saret *res iudicata*, fil-każ tallum huma relevanti dawn l-osservazzjonijiet:

44. L-attur għamel l-istqarrija fit-2 ta' Frar 2002. Waqt il-proċess penali qatt ma allega illi l-istqarrija ttieħdet b'abbuż u qatt ma ħa lura dak li qal. Lanqas meta fetaħ il-kawża tallum b'rikors tal-15 ta' Ġunju 2011 ma lmenta mill-fatt li kien għamel l-istqarrija mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Lanqas meta ippreżenta *affidavit* fl-atti ta' din il-kawża[4] ma lmenta dwar l-istqarrija. Kien biss fit-23 ta' Marzu 2012 – aktar minn ħdax-il sena wara – illi, forsi għax sar jaf bid-direzzjoni li ħadet il-ġurisprudenza wara l-każ ta' Salduz (għalkemm is-sentenza ta' Salduz kienet

2 Para. 15 tas-sentenza. N.B. in-numerar tal-paragrafi fil-verżjon *online* ma jaqbilx ma' dak tal-verżjoni uffiċjali tas-sentenza.

3 Para. 5.

4 *Foll*. 15 *et seqq*. fil-proċess tal-ewwel qorti.

ilha li ngħatat mis-27 ta’ Novembru 2008) u ntebaħ li din tatu mezz ieħor ta’ difiża, talab korrezzjoni fir-rikors kostituzzjonali biex jiżdied l-ilment relativ għall-istqarrija.

45. Fil-fehma tal-qorti, il-fatt illi l-attur ma ressaq ebda ilment kontra l-istqarrija meta kellu kull opportunità li jagħmel hekk quddiem il-qrati ta’ ġurisdizzjoni kriminali huwa xiehda ċara tal-fatt illi ma ħassx li kienet ta’ preġudizzju għalih jew li ttieħdet b’abbuż. Ma jistax issa, mingħajr ma jkun qiegħed jabbuża mill-proċess ġudizzjarju, jippretendi li jiftaħ każ magħluq u li sar *res iudicata* minħabba dak li f’ebda waqt qabel ma allega li sar b’abbuż.

46. Huwa relevanti wkoll il-fatt illi, għalkemm huwa minnu illi l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet referenza għall-mod “kif beda jirrispondi b’mod evażiv u titubanti … fil-kors tal-interrogatorji li sarulu” biex tara temminx lill-attur jew lix-xhud l-ieħor, huwa minnu wkoll illi l-qorti sabet ukoll “korroborazzjoni minn ċirkostanzi oħra li jiswew … bħal, per eżempju, is-sejba ta’ diversi oġġetti fejn indika x-xhud Anthony Farrugia li kien jew ħbiehom l-appellat stess jew fejn l-appellat kien qal lix-xhud biex ipoġġihom, jew jaqlibhom mal-art” u “ċirkostanzi oħra bħall-fatt li *s-CCTV* ma kienx irrekordja dak li ġara dak in-nhar tal-allegat *hold up* u ċerti dettalji oħra li jistunaw u li ġustament għorku ghajnejn l-investigaturi, li meqjusin flimkien itendu biex jagħmlu l-versjoni tal-appellat ftit li xejn plawsibbli u aċċettabbli, lanqas sal-grad tal-probabbli”.

47. L-istqarrija tal-attur għalhekk xejn ma kinetx determinanti fis-sejbien ta’ ħtija u għamlet sew l-ewwel qorti illi ma iddisturbatx sentenza li kienet saret *res iudicata* minħabba nuqqas purament formali li ma wassal għal ebda abbuż jew imqar allegazzjoni ta’ abbuż.

48. It-tieni aggravju wkoll għalhekk jixraq li jiġi miċħud.

49. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tikkundanna lill-attur appellant iħallas l-ispejjeż kollha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------